MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2014

Citazzjoni Numru. 442/2014

**Canadian Brothers Limited numru ta' kumpanija C168**

**-VS-**

**E.S. Automotive Limited, numru ta' kumpanija C49792 bhala debitur principali u Edward u Caroline konjugi Schmebri, karta tal-identia' rispettivament numri 340663 (M) u 157163(M) bhala garanti solidali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ta' Canadian Brothers Limited tal-21 ta' Mejju, 2014 li jaqra hekk:

1) *Illi in virtu ta' skrittura privata li ggib id data tat-30 ta Awissu 2010 is-socjeta rikorrenti kriet lis-socjeta intimata E.S. Automotive Limited, il-fond bla numru li jgib l-isem "Canadian Brothers" gewwa Msida Valley Road, Birkirkara bil-pattijiet u*

*kondizzjonijiet hemm elenkati skond kopja awtentikata hawn annessa u markata Dok "A" – liema kirja illum tinsab terminata;*

2) *Illi l-intimati l-ohra, u cioe Edward u Caroline konjugi Schembri ikkostitwew ruhhom fl-istess skrittura Dok "A" bhala garanti solidali mas-socjeta intimata E.S. Automotive Limited, u assumew l-obbligu li jonoraw il kondizzjonijiet kollha imposti fuq is-socjeta intimata b'mod solidali maghha fir-rigward tal-kirja in kwistjoni;*

3) *Illi s-socjeta rikorrenti hija kreditrici tas-socjeta intimata fl-ammont globali ta tlieta u ghoxrin elf, hames mija u hmistax punt tmienja disgha Ewro (€23,515.89) li minnhom tnejn u ghoxrin elf Ewro (€22,000) jirraprezentaw arretrati ta kera dovuta in konnessjoni mal-fond mikri surreferit u il-bilanc ta' elf hames mija u hmistax punt tmienja disgha Ewro (€1515.89) rapprezentanti l-import ta kont tad-dawl u ilma mahrug mill-ARMS Limited skond kopja tal istess kont hawn anness u mmarkat Dok "B" fir-rigward tal-konsum ta dawn l- utilitajiet matul il-perjodu ta' okkupazzjoni da parti tas-socjeta intimata tal-fond mikri lilha hawn fuq deskritt;*

4) *Illi zewg cekkijiet mahruga mis-socjeta intimata E.S. Automotive Limited bhala hlas ghall-arretrati ta kera dovuti minnha, li globalment jammontaw ghal tnejn u ghoxrin elf Ewro (€22,000) ma gewx onorati meta gew ipprezentati l-Bank ghall-hlas, u dan skond fotokopja tal-istess cekkijiet hawn annessa u mmarkata Dok "C";*

5) *Illi ghalhekk l-ammont surreferit ta tlieta u ghoxrin elf hames mija u hmistax punt tmienja disgha Ewro (€23,515.89) huwa cert, likwidu u dovut u l-intimati m'ghandhom ebda eccezzjoni x'jaghmlu ghat-talba tal-pagament;*

6) *Illi l-intimati gew interpellati sabiex ihallsu l-ammont dovut diversi drabi, izda huma baqaw inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il kawza;*

*Ghaldaqstant jghidu ghalhekk is-socjeta intimata E.S. Automotive Limited u l- intimati l-ohra Edward u Caroline konjugi Schembri, ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:*

i. *taqta u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh tax-xhieda a tenur tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kap XII tal-Ligijiet ta' Malta;*

ii. *Tiddikjara li l-intimati "in solidum" huma debituri tas-socjeta rikorrenti fis somma ta tlieta u ghoxrin elf hames mija u hmistax punt tmienja disgha Ewro (€23,515.89) li minnhom tnejn u ghoxrin elf Ewro (€22,000) jirraprezentaw l-import ta 'zewg cekkijiet li ma gewx onorati meta gew ipprezentati il-Bank ghal-hlas skond fotokopja taghhom hawn annessa mmarkata Dok "C" u elf hames mija u hmistax punt tmienja disgha (€1515.89) rapprezentanti l-import ta' kont tad-dawl u ilma mahrug mill-ARMS Limited skond kopja tal-istess kont hawn anness u mmarkat Dok "B" fir-rigward tal-konsum ta'dawn l-utilitajiet matul il perjodu ta'okkupazzjoni da parti tas-socjeta intimata tal-fond mikri lilha skond id-Dok "A" surreferit;*

iii. *Tikkundanna lill intimati "in solidum" jhallsu lis-socjeta rikorrenti din is somma ta'tlieta u ghoxrin elf hames mija u hmistax punt tmienja disgha Ewro (€23,515.89) surreferita, bl-imghax legali fuq l-import taz-zewg cekkijiet mid-dati rispettivi taghhom u fuq l-ammont dovut skond id-Dok "B" mid-data relattiva tal-kont,u dan sad-data tal-pagament effettiv;*

*Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk ta l-ittri legali datati 3 ta' Lulju 2013 u 28 ta' Frar 2014 kif ukoll bl-imghax legali kontra l-konvenuti kollha li huma, flimkien mad-diretturi tas-socjeta intimata, ingunti minn issa ghas-subizzjoni taghhom."*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mis-socjeta' attrici u l-elenku ta' dokumenti esebiti mar-rikors promotur;

Rat illi ir-rikors promotur, digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-intimati;

Rat in-nota tat-18 ta' Gunju 2014, ta' ES Automotive Limited, Edward u Caroline konjugi Schembri, li permezz taghha ammettew it-talbiet tas-socjeta attrici;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kaz;

Peress illi fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fir-rikors promotorju tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispenza tas-smiegh tal-kawza skond il-procedura tal-Artikolu 167 et. sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Peress illi skond section 12:10 tal-*Lease Agreement* ipprezentat bhala Dok. A minn fol. 5 sa 16 jirrizulta illi Edward u Caroline Schembri ikkostitwew rwiehom bhala garanti solidali mas-socjeta' intimata E.S. Automotive Limited ghall-obbligi kollha tas-socjeta' intiamta fir-rigward tal-kirja in kwistjoni;

Peress illi permezz tan-nota tat-18 ta' Gunju 2014, is-socjeta' intimata flimkien mal-konjugi Schembri, ammettew ghat-talbiet kollha tas-socjeta' attrici;

Ghaldaqstant, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

i. Taqta u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh tax-xhieda a tenur tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kap. XII tal-Ligijiet ta Malta;

ii. Tiddikjara li l-intimati "in solidum" huma debituri tas-socjeta rikorrenti fis-somma ta'tlieta u ghoxrin elf hames mija u hmistax punt tmienja disgha Ewro (€23,515.89) li minnhom tnejn u ghoxrin elf Ewro (€22,000) jirraprezentaw l-import ta 'zewg cekkijiet li ma gewx onorati meta gew ipprezentati il-Bank ghal hlas skond fotokopja taghhom hawn annessa mmarkata Dok "C" u elf hames mija u hmistax punt tmienja disgha (€1,515.89) rapprezentanti l-import ta' kont tad-dawl u ilma mahrug mill-ARMS Limited skond kopja tal istess kont hawn anness u mmarkat Dok "B" fir rigward tal-konsum ta'dawn l-utilitajiet matul il-perjodu ta'okkupazzjoni da parti tas-socjeta intimata tal-fond mikri lilha skond id-Dok "A" surreferit;

iii. Tikkundanna lill intimati "in solidum" jhallsu lis-socjeta rikorrenti din is-somma ta'tlieta u ghoxrin elf hames mija u hmistax punt tmienja disgha Ewro (€23,515.89);

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra s-socjeta' intimata E.S. Automotive Limited u l-intimati konjugi Schembri.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------